

**ANNESS I**  
**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Stronghold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-qtates u ġħall-klieb  $\leq 2.5$  kg  
Stronghold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 2.6–5.0 kg  
Stronghold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-qtates 2.6–7.5 kg  
Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-qtates 7.6–10.0 kg  
Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 5.1–10.0 kg  
Stronghold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 10.1–20.0 kg  
Stronghold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 20.1–40.0 kg  
Stronghold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 40.1–60.0 kg

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

Kull doża waħda (pipetta) ta' Stronghold tagħti:

### **Sustanza Attiva**

	<b>Doża kull unità (ml)</b>	<b>selamectin (mg)</b>
Stronghold 15 mg għal qtates u klieb	0.25	15
Stronghold 30 mg għal klieb	0.25	30
Stronghold 45 mg għal qtates	0.75	45
Stronghold 60 mg għal qtates	1	60
Stronghold 60 mg għal klieb	0.5	60
Stronghold 120 mg għal klieb	1	120
Stronghold 240 mg għal klieb	2	240
Stronghold 360 mg għal klieb	3	360

### **Ingredjenti Oħra**

<b>Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra</b>	<b>Kompożizzjoni kwantitattiva jekk dik l-informazzjoni hija essenzjali ġħall-għoti kif xieraq tal-prodott mediċinali veterinarju</b>
Butylated hydroxytoluene	0.8 mg/ml
Dipropylene glycol methyl ether	
Isopropyl alcohol	

Soluzzjoni minn bla kulur sa safranija.

## **3. TAGĦRIF KLINIKU**

### **3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Klieb u qtates.

### **3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott lijispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.**

#### **Qtates u klieb:**

- Kura u prevenzjoni ta' infestazzjonijiet tal-briegħed** ikkawżat mill-ispeċi *Ctenocephalides* sa xahar wara li tingħata doża waħda. Dan jiġi billi l-prodott joqtol kemm il-bergħud kif ukoll il-larva u l-bajd tiegħi. Il-prodott joqtol il-bajd sa tliet ġimġħat wara li jingħata. Bi tnaqqis fil-popolazzjoni tal-briegħed, trattament kull xahar ta' animali tqal u li qed irreddgħu jgħin ukoll biex iħares il-btan sa seba' ġimġħat minn infestazzjonijiet tal-briegħed. Il-prodott jiġi jista' jintuża bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija ġħall-briegħed u billi

joqtol il-bajd u l-larva jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed eżistenti fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

- **Prevenzjoni tal-marda tal-heartworm** ikkawżata mid-*Dirofilaria immitis* b'amministrazzjoni kull xahar. Il-prodott mediċinali veterinarju jista' jintuża bla periklu fuq annimali infettati bil-forma adulta tal-heartworm, imma prattika tajba veterinarja titlob li l-annimali kollha ta' 'l fuq minn sitt xhur u li jgħixu f'pajjiżi fejn jeżistu parassiti li jġorru l-marda, għandhom jiġu ttestjati għal infezzjoni bil-forma adulta tal-heartworm qabel ma tinbeda l-kura bil-prodott mediċinali veterinarju. Huwa rakkommandat ukoll li, bħala parti integrali minn strateġija għall-prevenzjoni tal-heartworm, il-klieb jiġu ttestjati kull ftit żmien għal infezzjonijiet bil-forma adulta tal-heartworm, anki f'każijiet fejn il-prodott mediċinali veterinarju ikun ingħata kull xahar. Dan il-prodott ma jaħdimx kontra l-forma adulta tad-*D. immitis*.
- **Kura għad-dud tal-widnejn** (*Otodectes cynotis*).

#### Qtates:

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jiggħem (Felicola subrostratus)
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex tondi (Toxocara cati)
- Kura għall-forma adulta tal-hookworm fl-imsaren (Ancylostoma tubaeforme).

#### Klieb:

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jiggħem (Trichodectes canis).
- Kura għal sarcoptic mange (ikkawżata minn Sarcoptes scabiei).
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex tondi (Toxocara canis) fl-imsaren.

### 3.3 Kontraindikazzjonijiet

Tużax f'annimali ta' taħt is-sitt ġimġħat.

Tużax fi qtates li qed ibatu minn xi mard ieħor fl-istess żmien jew li jkunu debboli u ta' piż baxx (għad-daqs u l-età tagħhom).

### 3.4 Twissijiet speċjali

Annimali jistgħu jinħaslu sagħtejn wara l-kura mingħajr ma jkun hemm nuqqas fl-effiċċa. Tapplikax meta l-pil tal-annimal ikun imxarrab. Iżda jekk taħsel b'xampu jew tgħaddas l-annimal sagħtejn jew aktar wara l-kura, ma jnaqqas l-effiċċa.

Għall-kura tad-dud tal-widnejn, tapplikax direttament fil-kanal tal-widnejn.

Huwa importanti li tingħata d-doża kif indikat biex jitnaqqas l-ammont li l-annimal jista' jilgħaq. Jekk l-annimal jilgħaq fit-tul, f'każi rari jista' jkun hemm produzzjoni għolja ta' bżieg fil-qtates, għal perjodu qasir.

### 3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi applikat biss fuq il-wiċċi tal-ġilda. Tagħtix mill-ħalq jew permezz ta' injezzjoni.

Żomm annimali kkurati l-bogħod minn nirien u affarrijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar għal mill-anqas tletin minuta jew sakemm il-pil ikun niexef.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Dan il-prodott jieħu n-nar malajr - Żomm il-bogħod mis-ħana, xrar tan-nar, fjammi jew affarrijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar.

Tpejjipx, tikolx u tixrobx waqt li qed tmiss il-prodott.

Aħsel idejk wara li tuża u aħsel fil-pront bis-sapun u bl-ilma jekk xi fit mill-prodott imiss mal-ġilda. F'każ aċċidental li fih jintlaqt l-għajnejn, laħlaħ fil-pront b'ilma nadif u fittex kura medika fil-pront u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Evita kuntatt dirett ma' annimali kkurati sakemm tinxef ir-roqgħa fejn ġie applikat. Fil-jum trattament it-tfal m'għandhomx imissu l-annimali trtrattati u l-annimali m'għandhomx jitħallew jorqu mas-sidien tagħhom speċjalment it-tfal. Pipetti użati għandhom jintremew fil-pront u ma jitħallewx fejn jistgħu jidhru jew jintlaħqu mit-tfal.

Persuni b'ġilda sensittiva jew b'allerġija magħrufa għal prodotti mediċinali veterinarji ta' dan it-tip għandhom joqogħdu attenti meta jmissu l-prodott mediċinali veterinarju.

#### Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Il-prodott mediċinali veterinarju m'għandux jidħol fil-korsiji tal-ilma peress li dan jista' jkun perikoluż għall-ħut u organiżmi akkwatiċi oħra. Il-kontenituri u l-kontenut li jifdal għandhom jintremew flimkien ma' żibet domestiku miġbur biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni ta' kwalunkwe korsiji tal-ilma.

#### Prekawzjonijiet oħra:

Tħallix annimali kkurati jidħlu f'ilma ġieri tal-anqas sa sagħtejn minn meta tingħata l-kura.

### **3.6 Effetti mhux mixtieqa**

Qtates:

Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali trattati):	alopexja fis-sit tal-applikazzjoni <sup>1,2</sup> bidla fis-suf fis-sit tal-applikazzjoni <sup>3</sup> .
Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali trattati, inkluż rapporti iżolati):	irritazzjoni fis-sit tal-applikazzjoni <sup>1,4</sup> , sinjali newroloġiċi (inklużi eċċessjonijet) <sup>5</sup>

Klieb:

Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali trattati):	bidla fis-suf fis-sit tal-applikazzjoni <sup>3</sup> .
Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali trattati, inkluż rapporti iżolati):	sinjali newroloġiċi (inklużi eċċessjonijet) <sup>5</sup>

<sup>1</sup>Normalment jgħaddu waħedhom, imma kura għas-sintomi tista' tkun applikabbli f'xi ċirkostanzi.

<sup>2</sup>Ħfief u temporanji

<sup>3</sup>Tgħaqqid tas-suf lokali u temporanju fis-sit tal-applikazzjoni u/jew dehra okkażjonali ta' kwantità żgħira ta' trab abjad li tipikament tisparixxi fi żmien 24 siegħa mill-applikazzjoni.

<sup>4</sup>Tgħaddi u fokali.

<sup>5</sup>Reversibbli bħal ma' macrocyclic lactones oħra.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurta ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilm permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqgħid fis-suq jew lill-awtorità nazzjonali

kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara l-fuljett ta' tagħrif għad-dettalji ta' kuntatt rispettivi.

### **3.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien**

#### Tqala u treddiġ:

Jista' jintuża waqt ittqala jew fi żmien il-ħalib fil-qtates u fil-klieb.

Fertilità:

Jista' jintuża fil-qtates u fil-klieb tat-tgħammir.

### **3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

Fi studji estensivi waqt l-użu ma kinux osservati effetti bejn dan il-prodott mediċinali veterinarju u prodotti mediċinali veterinarji komuni jew proċeduri mediċi u kirurġiċi.

### **3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ**

Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata f'applikazzjoni ta' doża waħda li tagħti mill-anqas 6 mg/kg selamektin. Meta jkunu qed jiġu kkurati bil-prodott mediċinali veterinarju aktar minn infestazzjoni jew infezzjoni waħda fl-istess annimal, applikazzjoni waħda biss ta' 6 mg/kg hija rakkomandata f'ħin wieħed. It-tul xieraq tal-perjodu ta' kura għal kull parassita jidher hawn taħt.

Agħti skont kif indikat fit-tabella li tmiss:

Qtates (kg)	Kulur tat-tapp tal-pipetta	mg ta' selamektin mogħtija	Qawwa (mg/ml)	Volum amministrat (daqs nominali tal-pipetta, ml)
≤ 2.5	Roża	15	60	0.25
2.6-7.5	Ikħal	45	60	0.75
7.6-10.0	Taupe	60	60	1.0
> 10		Taħlita xierqa ta' pipetti	60	Taħlita xierqa ta' pipetti

Klieb (kg)	Kulur tat-tapp tal-pipetta	mg ta' selamektin mogħtija	Qawwa (mg/ml)	Volum amministrat (daqs nominali tal-pipetta, ml)
≤ 2.5	Roża	15	60	0.25
2.6-5.0	Vjola	30	120	0.25
5.1-10.0	Kannella	60	120	0.5
10.1-20.0	Aħmar	120	120	1.0
20.1-40.0	Aħdar	240	120	2.0
40.1-60.0	Plum	360	120	3.0
> 60		Taħlita xierqa ta' pipetti	60/120	Taħlita xierqa ta' pipetti

#### **Kura u prevenzjoni tal-briegħed (qtates u klieb)**

Wara li jiġi applikat il-prodott mediċinali veterinarju, il-briegħed adulti fuq l-annimal jinqatlu u ma jkunx hemm aktar bajd vijabbbli u l-larva (li jinsabu biss fl-ambjent) jinqatlu wkoll. B'hekk il-bergħud ma jirriproduċix, jinkiser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud u dan jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed eżistenti fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

Għall-prevenzjoni ta' infestazzjonijiet tal-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata kull xahar waqt l-istaġġun tal-briegħed u xahar qabel ma l-briegħed isiru attivi. Billi l-popolazzjoni ta' briegħed titnaqqas, il-kura ta' kull xahar f'annimali tqal jew li qed ireddgħu tgħin biex tħares il-boton minn infestazzjonijiet tal-briegħed sal-età ta' seba' ġimġħat.

Għal użu bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija għall-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi applikat kull xahar.

### **Prevenzjoni tal-mard tal-heartworm (qtates u klieb)**

Il-prodott mediċinali veterinarju jista' jingħata s-sena kollha jew tal-anqas fi żmien xahar minn meta l-animal ġie espost għan-nemus għall-ewwel darba, u kull xahar wara sakemm jagħlaq l-istaqġun tan-nemus. L-aħħar doża għandha tingħata sa xahar wara li l-animal l-aħħar ġie espost għan-nemus. Jekk tinqabex xi doża jew l-intervall bejn doża u oħra jkun ta' aktar minn xahar, għandha tingħata doża immedjata u terġa' tibda tingħata mill-ġdid, doża fix-xahar u b'hekk titnaqqas l-opportunità biex jiżviluppaw *heartworms* adulti. Meta jkun qed jiġi mibdul prodott mediċinali veterinarju għall-prevenzjoni tal-heartworm fi programm ta' prevenzjoni tal-mard tal-heartworm, l-ewwel doża tal-prodott mediċinali veterinarju għandha tingħata fi żmien xahar mill-aħħar doża tal-mediċina ta' qabel.

### **Kura għal infezzjonijiet tal-ħniex tondi (qtates u klieb)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

### **Kura għall-qamel li jigdem (qtates u klieb)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

### **Kura għad-dud tal-widnejn (qtates)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

### **Kura għad-dud tal-widnejn (klieb)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju. Frak mhux imwaħħal għandu jitneħħa bil-mod mill-kanal ta' barra tal-widna waqt it-trattament. Huwa rakkommandat li ssir eżaminazzjoni oħra mill-veterinarju 30 ġurnata wara t-trattament għax xi annimali jista' jkun li jkollhom bżonn jerġgħu jingħataw it-trattament.

### **Kura għal infezzjonijiet tal-hookworm (qtates)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

### **Kura għal sarcoptic mange (klieb)**

Bixx jitneħħa d-dud kollu, għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju għal-xahrejn fuq xulxin.


#### Metodu u mod ta' amministrazzjoni:

Applikazzjoni topikali


Applika fuq il-ġilda fil-bażi tal-għonq quddiem l-ġħadam tal-is-palel.

#### Kif tapplika:


Neħħi l-pipetta mill-pakkett protettiv.




Filwaqt li żżomm il-pipetta wieqfa, agħfas it-tapp bis-saħħa biex ittaqqab is-siġill tal-applikatur, imbagħad neħħi t-tapp.



Ofroq il-pil fin-naħa t'isfel tal-għonq tal-annimal tiegħek quddiem l-għadmiet tal-ispacek biex tikxef roqgħha żgħira tal-ġilda.



Applika l-ponta tal-pipetta direttament fuq il-ġilda mingħajr ma' timmassaġġja. Agħfas il-pipetta bis-saħħha biex tiżvojta l-kontenut f'roqgħa waħda. Evita li tmiss il-prodott b'subgħajk.



### **3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)**

Il-prodott mediċinali veterinarju ingħata f'doża li kienet għaxar darbiet aktar minn dik irrakkomanda, u ma dehrux effetti mhux mixtieqa. Il-prodott mediċinali veterinarju ngħata f'doża tliet darbiet aktar minn dik rakkomanda fi qtates u klieb li kellhom *heartworms* adulti u ma dehrux effetti mhux mixtieqa. Il-prodott mediċinali veterinarju ngħata wkoll f'doża tliet darbiet aktar minn dik rakkomanda fi qtates u klieb irġiel u nisa waqt it-tnissil kif ukoll f'nisa tqal u waqt li qed ireddgħu l-btan tagħhom, u f'doża ġumes darbiet aktar minn dik irrakkomanda fi klieb tar-razza Collie sensittivi għall-ivermektin u ma dehrux effetti mhux mixtieqa.

### **3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-risku ta' żvilupp ta' reżistenza**

Mhux applikabbi.

### **3.12 Perjodi ta' tiżmim**

Mhux applikabbi.

## **4. INFORMAZZJONI FARMAKOLOĠIKA**

### **4.1 Kodiċi ATC veterinarja: QP54AA05**

## **4.2 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

Selamektin hija sustanza semi-sintetika tal-klassi tal-avermektin. Selamektin tipparalizza u/jew toqtol firxa wiesgħa ta' parassiti invertebrati billi tfixkel il-konduttività tal-kanali tal-kloru u b'hekk tikkawża tħarbit fin-newrotransmissjoni normali. Dan ma jħallix li ssir attività elettrika fiċ-ċelluli tas-sistema nervuża tan-nematodi u taċ-ċelluli tal-muskoli fl-artropodi u b'hekk iwassal għal paraliżi u/jew il-mewt tagħhom.

Selamektin joqtol il-forma adulta, il-bajd u l-larvi tal-briegħed. B'hekk, b'mod effettiv tkisser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud billi toqtol l-adulti (fuq l-annimal), ma tħallix il-bajd ifaqqas (fuq l-annimal u fl-ambjent) u toqtol il-larvi (fl-ambjent biss). Frak minn annimali ttrattati bis-selamektin joqtol il-bajd tal-briegħed u l-larvi li ma kinux esposti qabel għas-selamektin u b'hekk jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

Instab ukoll li jkun hemm effett kontra l-larvi tal-*heartworm*.

## **4.3 Kwalitajiet farmakokinetiċi**

Wara li tingħata b'mod topikali, selamektin tīgi assorbita mill-ġilda u tilħaq l-ogħla livelli fid-demm bejn wieħed u ieħor ġurnata wara li tkun ingħatat lill-qtates u tlett ijiem wara li tkun ingħatat lill-klieb. Wara li tīgi assorbita mill-ġilda, selamektin tinfirex fis-sistema u tīgi eliminata mid-demm bil-mod, tant li konċentrazzjonijiet li jistgħu jitkejju jinstabu fid-demm tal-klieb u tal-qtates sa 30 ġurnata wara li tkun ingħatat doża topikali ta' 6 mg għal kull kg piż. Il-persistenza fit-tul tas-selamektin u l-eliminazzjoni mid-demm bil-mod huma riflessi f'valuri tat-terminal elimination half-life ta' 8 ijiem fil-qtates u 11-il jum fil-klieb. Il-persistenza sistemika tas-selamektin fid-demm u n-nuqqas ta' metaboliżmu estensiv iwasslu għal saħħa effettiva biżżejjed fil-perjodu ta' bejn doża u oħra (30 ġurnata).

## **5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **5.1 Inkompatibbiltajiet maġġuri**

Mhux applikabbli.

### **5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin

### **5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Taħżinx f'temperaturi ogħla minn 30°C.

Aħżeen fil-pakkett oriġinali f'post xott.

### **5.4 In-natura u l-ġħamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott**

Il-prodott mediċinali veterinarju jiġi f'pakketti ta' tliet pipetti (pipetti tad-daqsijiet kollha), ta' sitt pipetti (pipetti tad-daqsijiet kollha ħlief 15 mg selamektin), jew ta' ħmistax-il pipetta (pipetti ta' 15 mg selamektin biss). Il-prodott mediċinali veterinarju jkun f'pipetti trasparenti tal-polypropilin, ta' doża waħda, f'folja b'kisja ta' aluminju u aluminju/PVC. Il-pipetti għandhom it-tapp ikkulurit hekk kif ġej:

Stronghold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates u għall-klieb  $\leq 2.5$  kg: 0.25 ml kull pipetta

Stronghold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 2.6–5.0 kg: 0.25 ml kull pipetta

Stronghold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 2.6–7.5 kg: 0.75 ml kull pipetta

Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 7.6–10.0 kg: 1 ml kull pipetta

Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 5.1–10.0 kg: 0.5 ml kull pipetta

Stronghold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 10.1–20.0 kg: 1 ml kull pipetta  
Stronghold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 20.1–40.0 kg: 2 ml kull pipetta  
Stronghold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 40.1–60.0 kg: 3 ml kull pipetta

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

**5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħluġ jew skart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

**6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Zoetis Belgium

**7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/99/014/001-016

**8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizazzjoni: 25/11/1999.

**9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

**10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-data tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

**ANNESS II**

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID  
FIS-SUQ**

Xejn

**ANNESS III**  
**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

## **A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA****TIKKETTA TAL-KAXXA, 15 mg (3 u 15-il pipetta)****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Stronghold 15mg soluzzjoni għal użu topikali.

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

15 mg selamektin/pipetta

**3. DAQS TAL-PAKKETT**

3 pipetti x 0.25 ml




15-il pipetta. x 0.25 ml

**4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Qtates u klieb  $\leq 2.5$  kg

**5. INDIKAZZJONIJIET****6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Użu topikali.

**7. ŻMIEN TA' TIŻMIM****8. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ssss}

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Taħżinx f' temperatura 'l fuq minn 30 °C.

Aħżeen fil-pakkett oriġinali f' post xott.

**10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”**

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

**11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għall-kura tal-annimali biss.

**12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Zoetis Belgium

**14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/99/014/001 (3 pipetti)

EU/2/99/014/012 (15-il pipetta)

**15. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

## **TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**TIKKETTA TAL-KAXXA, 30 mg, 60 mg, 120 mg, 240 mg, 360 mg (3 u 6 pipetti)**

### **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Stronghold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali  
Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali  
Stronghold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali  
Stronghold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali  
Stronghold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali

### **2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

30 mg selamektin/pipetta  
60 mg selamektin/pipetta  
120 mg selamektin/pipetta  
240 mg selamektin/pipetta  
360 mg selamektin/pipetta

### **3. DAQS TAL-PAKKETT**

3 x 0.25 ml  
6 x 0.25 ml  
3 x 0.75 ml  
6 x 0.5 ml  
6 x 0.5 ml  
3 x 1 ml  
6 x 1 ml  
3 x 2 ml  
6 x 2 ml  
3 x 3 ml  
6 x 3 ml




### **4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Klieb li jiżnu bejn 2.6 kg u 5.0 kg.  
Klieb li jiżnu bejn 5.1 kg u 10.0 kg.  
Klieb li jiżnu bejn 10.1 kg u 20.0 kg.  
Klieb li jiżnu bejn 20.1 kg u 40.0 kg.  
Klieb li jiżnu bejn 40.1 kg u 60.0 kg.

### **5. INDIKAZZJONIJIET**

### **6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Użu topikali.



## 7. ŻMIEN TA' TIŻMIM

## 8. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ssss}

## 9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30 °C.

Aħżeen fil-pakkett oriġinali f'post xott.

## 10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

## 11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS”

Għall-kura tal-animali biss.

## 12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Zoetis Belgium

## 14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- EU/2/99/014/003 (30 mg - 3 pipetti)
- EU/2/99/014/007 (30 mg - 6 pipetti)
- EU/2/99/014/004 (60 mg - 3 pipetti)
- EU/2/99/014/009 (60 mg - 6 pipetti)
- EU/2/99/014/005 (120 mg - 3 pipetti)
- EU/2/99/014/010 (120 mg - 6 pipetti)
- EU/2/99/014/006 (240 mg - 3 pipetti)
- EU/2/99/014/011 (240 mg - 6 pipetti)
- EU/2/99/014/015 (360 mg - 3 pipetti)
- EU/2/99/014/016 (360 mg - 6 pipetti)

**15. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

## **TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**TIKKETTA TAL-KAXXA, 45 mg. 60 mg (3 u 6 pipetti)**

### **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Stronghold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali

Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali

### **2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

45 mg selamektin/pipetta

60 mg selamektin/pipetta

### **3. DAQS TAL-PAKKETT**

3 x 0.75 ml

6 x 0.75 ml

3 x 1 ml

6 x 1 ml

### **4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**




Qtates li jiżnu bejn 2.6 kg u 7.5 kg.

Qtates li jiżnu bejn 7.6 kg u 10.0 kg.

### **5. INDIKAZZJONIJIET**

### **6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Użu topikali.



### **7. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

### **8. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ssss}

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Taħżinx f' temperatura 'l fuq minn 30 °C.  
Aħżeen fil-pakkett oriġinali f' post xott.

**10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”**

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

**11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għall-kura tal-annimali biss.

**12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Zoetis Belgium

**14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/99/014/002 (45 mg - 3 pipetti)  
EU/2/99/014/008 (45 mg - 6 pipetti)  
EU/2/99/014/013 (60 mg - 3 pipetti)  
EU/2/99/014/014 (60 mg - 6 pipetti)

**15. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI  
JMISS MAL-PRODOTT**

**TIKKETTA FUQ IL-FOLJA, 15 mg, 30 mg, 45 mg, 60 mg, 120 mg, 240 mg, 360 mg**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Stronghold



**2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI**

15 mg selamektin għal qtates u klieb  $\leq 2.5$  kg.

30 mg selamektin għal klieb 2.6–5.0 kg.

45 mg selamektin għal qtates 2.6-7.5 kg.

60 mg selamektin għal qtates 7.6-10.0 kg

60 mg selamektin għal klieb 5.1-10.0 kg

120 mg selamektin għal klieb 10.1-20.0 kg

240 mg selamektin għal klieb 20.1-40.0 kg

360 mg selamektin għal klieb 40.1-60.0 kg

**3. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**4. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ssss}

**B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

## FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:

### **1. L-isem tal-prodott mediciinali veterinarju**

Stronghold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates u l-klieb  $\leq 2.5$  kg  
Stronghold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 2.6-5.0 kg  
Stronghold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 2.6-7.5 kg  
Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 7.6-10.0 kg  
Stronghold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 5.1-10.0 kg  
Stronghold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 10.1-20.0 kg  
Stronghold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 20.1-40.0 kg  
Stronghold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 40.1-60.0 kg

### **2. Kompożizzjoni**

Kull doża waħda (pipetta) tagħti:

	<b>Doża kull unità (ml)</b>	<b>selamectin (mg)</b>
Stronghold 15 mg għal qtates u klieb	0.25	15
Stronghold 30 mg għal klieb	0.25	30
Stronghold 45 mg għal qtates	0.75	45
Stronghold 60 mg għal qtates	1	60
Stronghold 60 mg għal klieb	0.5	60
Stronghold 120 mg għal klieb	1	120
Stronghold 240 mg għal klieb	2	240
Stronghold 360 mg għal klieb	3	360

### **Ingredjenti Oħra**

*Butylated hydroxytoluene*      0.8 mg/ml  
Soluzzjoni minn bla kulur sa safraġi

### **3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott**

Qtates u klieb.

### **4. Indikazzjonijiet għall-użu**

#### **Qtates u klieb:**

- Kura u prevenzjoni ta' infestazzjonijiet tal-briegħed** ikkawżat mill-ispeċi *Ctenocephalides* sa xahar wara li tingħata doża waħda. Dan jiġi billi l-prodott joqtol kemm il-bergħud kif ukoll il-larva u l-bajd tiegħu. Il-prodott joqtol il-bajd sa tliet ġimħat wara li jingħata. Bi tnaqqis fil-popolazzjoni tal-briegħed, trattament kull xahar ta' annimali tqal u li qed irreddgħu jgħin ukoll biex iħares il-btan sa seba' ġimħat minn infestazzjonijiet tal-briegħed. Il-prodott jista' jintuża bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija għall-briegħed u billi joqtol il-bajd u l-larva jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed eżistenti fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.
- Prevenzjoni tal-marda tal-heartworm** ikkawżata mid-*Dirofilaria immitis* b'amministrazzjoni kull xahar. Il-prodott mediciinali veterinarju jista' jintuża bla periklu fuq annimali infettati bil-forma adulta tal-heartworm, imma prattika tajba veterinarja titlob li l-annimali kollha ta' l-fuq minn sitt xħur u li jgħixu f'pajjiżi fejn jeżistu parassiti li jġorru l-marda, għandhom jiġu ttestjati għal infezzjoni bil-forma adulta tal-heartworm qabel ma tinbeda l-kura bil-prodott mediciinali

veterinarju. Huwa rakkomandat ukoll li, bħala parti integrali minn strateġija għall-prevenzjoni tal-heartworm, il-klieb jiġu t-testjati kull ffit żmien għal infekzjonijiet bil-forma adulta tal-heartworm, anki f'każżejjiet fejn il-prodott mediċinali veterinarju ikun ingħata kull xahar. Dan il-prodott ma jaħdimx kontra l-forma adulta tad-*D. immitis*.

- **Kura għad-dud tal-widnejn** (*Otodectes cynotis*).

**Qtates:**

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jiggħem (*Felicola subrostratus*)
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex tondi (*Toxocara cati*)
- Kura għall-forma adulta tal-hookworm fl-imsaren (*Ancylostoma tubaeforme*).

**Klieb:**

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jiggħem (*Trichodectes canis*).
- Kura għal *sarcoptic mange* (ikkawżata minn *Sarcoptes scabiei*).
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex todi (*Toxocara canis*) fl-imsaren.

## 5. Kontraindikazzjonijiet

Tużax f'animali ta' taħt is-sitt ġimġħat. Tużax fi qtates li qed ibatu minn xi mard ieħor fl-istess żmien jew li jkunu debboli u ta' piż baxx (għad-daqs u l-eta tagħhom).

## 6. Twissijiet speċjali

Twissijiet speċjali:

L-animali jistgħu jinħaslu sagħtejn wara t-trattament mingħajr telf fl-effikaċja. Tapplikax meta l-pil tal-annual ikun imxarrab. Iżda jekk taħsel b'xamu jew tgħoddos l-annual sagħtejn jew aktar wara l-kura, l-effikaċja tal-prodott mediċinali veterinarju ma tkunx imnaqqsa. Għall-kura tad-dud tal-widnejn, tapplikax direttament fil-kanal tal-widnejn.

Huwa importanti li tingħata d-doża kif indikat biex jitnaqqas l-ammont li l-annual jista' jilgħaq. Jekk l-annual jilgħaq fit-tul, f'każi rari jista' jkun hemm produzzjoni għolja ta' bżieg fil-qtates, għal perjodu qasir.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi applikat biss fuq il-wiċċ tal-ġilda. Tagħix mill-ħalq jew permezz ta' injezzjoni.

Żomm annuali kkurati l-bogħod minn nirien u affarijet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar għal mill-anqas tletin minuta jew sakemm il-pil ikun niexef.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annuali:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju jieħu n-nar malajr: żomm il-bogħod mis-sħana, xrar tan-nar, fjammi jew affarijet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar.

Tpejjipx, tikolx u tixrobx waqt li qed tmiss il-prodott.

Aħsel idejk wara li tuża u aħsel fil-pront bis-sapun u bl-ilma jekk xi ffit mill-prodott imiss mal-ġilda. F'każ aċċidental li fiha jintlaqtu l-għajnejn, laħlaħ fil-pront b'ilma nadif u fittekk kura medika fil-pront u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Evita kuntatt dirett ma' annuali kkurati sakemm tinxef ir-roqgħa fejn għie applikat. Fil-jum trattament it-tfal m'għandhomx imissu l-annuali ttrattati u l-annuali m'għandhomx jitħallew jorqu mas-sidien tagħhom speċjalment it-tfal. Pipetti użati għandhom jintremew fil-pront u ma jitħallew fejn jistgħu jidhru jew jintlaħqu mit-tfal.

Persuni b'ġilda sensittiva jew b'allerġija magħrufa għal prodotti mediċinali veterinarji ta' dan it-tip għandhom joqogħdu attenti metta jmissu l-prodott mediċinali veterinarju.

### Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Il-prodott mediċinali veterinarju m'għandux jidħol fil-korsiġi tal-ilma peress li dan jista' jkun perikoluż għall-ħut u organiżmi akkwatiċi oħra.

### Prekawzjonijiet oħra:

Tħallix annimali kkurati jidħlu f'filma ġieri tal-anqas sa sagħtejn minn meta tingħata l-kura.

### Tqala u treddiġħ:

Jista' jintuża waqt ittqala jew fi żmien il-ħalib fil-qtates u fil-klieb.

### Fertility:

Jista' jintuża fil-qtates u fil-klieb tat-tgħammir.

### Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħra ta' interazzjoni:

Fi studji estensivi waqt l-użu ma kinux osservati effetti bejn il-prodott mediċinali veterinarju u prodotti mediċinali veterinarji komuni jew proċeduri mediċi u kirurġiċi.

### Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):

Il-prodott mediċinali veterinarju ingħata f'doża li kienet 10 darbiet aktar minn dik irrakkomanda, u ma dehrux effetti mhux mixtieqa. Il-prodott mediċinali veterinarju ingħata f'doża 3 darbiet aktar minn dik rakkomanda fi qtates u klieb li kellhom *heartworms* adulti u ma dehrux effetti mhux mixtieqa. Il-prodott mediċinali veterinarju ngħata wkoll f'doża 3 darbiet aktar minn dik rakkomanda fi qtates u klieb irġiel u nisa waqt it-tnissil kif ukoll f'nisa tħalli u waqt li qed ireddgħu il-btan tagħhom, u f'doża ħames darbiet aktar minn dik irrakkomanda fi klieb tar-razza Collie sensittivi għall-ivermektin u ma dehrux effetti mhux mixtieqa.

## **7. Effetti mhux mixtieqa**

Qtates:

Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali trattati):

alopexja fis-sit tal-applikazzjoni<sup>1,2</sup>, bidla fis-suf fis-sit tal-applikazzjoni<sup>3</sup>.

Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali trattati, inkluż rapporti iżolati):

irritazzjoni fis-sit tal-applikazzjoni<sup>1,4</sup>, sinjali newroloġiċi (inklużi eċċessjonijet)<sup>5</sup>

Klieb:

Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali trattati):

bidla fis-suf fis-sit tal-applikazzjoni<sup>3</sup>.

Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali trattati, inkluż rapporti iżolati):

sinjali newroloġiċi (inklużi eċċessjonijet)<sup>5</sup>

<sup>1</sup>Normalment jgħaddu waħedhom, imma kura għas-sintomi tista' tkun applikabbli f'xi ċirkostanzi.

<sup>2</sup>Hifief u temporanji

<sup>3</sup>Tgħaqqid tas-suf lokali u temporanju fis-sit tal-applikazzjoni u/jew dehra okkażjonali ta' kwantità żgħira ta' trab abjad li tipikament tisparixxi fi żmien 24 siegħha mill-applikazzjoni.

<sup>4</sup>Tgħaddi u fokali.

<sup>5</sup>Reversibbli bħal ma' macrocyclic lactones oħra.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lir-rappreżentant lokal tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali: {dettalji tas-sistema nazzjonali}.

## **8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni**

Għal użu topikali.

Applika fuq il-ġilda fil-bażi tal-għonq quddiem l-ġħadam tal-is-palel.

Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jkun amministrat fuq il-ġilda f'applikazzjoni waħda ta' doża waħda li tagħti tal-anqas 6 mg/kg selamektin. Meta jkunu se jiġu ttrattati infestazzjonijiet jew infezzjonijiet flimkien fuq l-istess annimal f'ħin wieħed għandha tingħata applikazzjoni waħda biss tad-doża rrakkomanda ta' 6 mg /kg. It-tul proprju tal-perjodu tat-trattament għall-parassiti individwali huwa speċifikat hawn taħt.

Applika il-prodott mediċinali veterinarju topikalment skont kif indikat fit-tabella li tmiss:

<b>Qstates (kg)</b>	<b>Kulur tat-tapp tal-pipetta</b>	<b>mg ta' selamektin mogħtija</b>	<b>Qawwa (mg/ml)</b>	<b>Volum amministrat (daqs nominali tal-pipetta, ml)</b>
≤ 2.5	Roża	15	60	0.25
2.6-7.5	Ikħal	45	60	0.75
7.6-10.0	Taupe	60	60	1.0
> 10		Taħlita xierqa ta' pipetti	60	Taħlita xierqa ta' pipetti

<b>Klieb (kg)</b>	<b>Kulur tat-tapp tal-pipetta</b>	<b>mg ta' selamektin mogħtija</b>	<b>Qawwa (mg/ml)</b>	<b>Volum amministrat (daqs nominali tal-pipetta, ml)</b>
≤ 2.5	Roża	15	60	0.25
2.6-5.0	Vjola	30	120	0.25
5.1-10.0	Kannella	60	120	0.5
10.1-20.0	Aħmar	120	120	1.0
20.1-40.0	Aħdar	240	120	2.0
40.1-60.0	Plum	360	120	3.0
> 60		Taħlita xierqa ta' pipetti	60/120	Taħlita xierqa ta' pipetti

### **Kura u prevenzjoni tal-briegħed (qtates u klieb)**

#### **Annimali ta' 'I fuq minn sitt gimħat:**

Wara li jingħata l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimal, il-briegħed adulti u l-larvi jinqatlu u ma jkunx hemm aktar bajd vijabbbli. Dan iżomm il-briegħed milli jirriproduċu u jista' jgħin biex jikkontrola infestazzjonijiet tal-briegħed eżistenti fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

Għall-prevenzjoni ta' infestazzjonijiet tal-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata lill-annimal kull xahar waqt l-istaġġun tal-briegħed u xahar qabel ma l-briegħed isiru attivi. Dan jiżgura li l-briegħed fuq l-annimal jinqatlu, dawn ma jipproduċux bajd vijabbbli u l-larvi (li jinsabu biss fl-ambjent) jinqatlu wkoll. B'hekk jinkiser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud u ma jħallix infestazzjonijiet mill-briegħed.

Għal użu bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija għall-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata kull xahar.

## **Kura ta' annimali tqal u li qed ireddgħu biex jitħarsu il-ġriewi u l-friegħ minn infestazzjonijiet tal-briegħed:**

Billi l-popolazzjoni ta' briegħed titnaqqas, il-kura ta' kull xahar f'annimali tqal jew li qed ireddgħu tgħin biex tħares 'il boton minn infestazzjonijiet tal-briegħed sal-età ta' seba' ġimgħat.

### **Prevenzjoni tal-mard tal-heartworm (qtates u klieb)**

Il-prodott mediciinali veterinarju jista' jingħata s-sena kollha jew tal-anqas fi żmien xahar minn meta l-annimal ġie espost għan-nemus għall-ewwel darba, u kull xahar sakemm jagħlaq l-istaġun tan-nemus. L-aħħar doża għandha tingħata sa xahar wara li l-annimal l-aħħar ġie espost għan-nemus. Jekk tinqabeż xi doża jew l-intervall bejn doża u oħra jkun ta' aktar minn xahar, għandha tingħata doża immedjata u terġa' tibda tingħata mill-ġdid doża fix-xahar u b'hekk titnaqqas l-opportunità biex jiżviluppaw heartworms adulti. Meta jkun qed jiġi mibdul prodott għall-prevenzjoni tal-heartworm f'programm ta' prevenzjoni tal-mard tal-heartworm, l-ewwel doża tal-prodott mediciinali veterinarju għanda tingħata fi żmien xahar mill-aħħar doża tal-mediċina ta' qabel.

### **Kura għal infezzjonijiet tal-ħniex tondi tal-imsaren (qtates u klieb)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediciinali veterinarju.

### **Kura għall-qamel li jidġidem (qtates u klieb)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediciinali veterinarju.

### **Kura għad-dud tal-widnejn (qtates)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediciinali veterinarju.

### **Kura għad-dud tal-widnejn (klieb)**

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediciinali veterinarju. Frak mhux imwaħħal għandu jitneħħa bil-mod mill-kanal ta' barra tal-widna waqt kull trattament. Viżta veterinarja oħra xahar wara t-trattament hija rakkomdata billi xi annimali ikollhom bżonn it-tieni trattament.

### **Kura għal infezzjonijiet tal-hookworm (qtates)**


Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediciinali veterinarju.

### **Kura għal sarcoptic mange (klieb)**


Biex jitneħħa d-dud kollu, għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediciinali veterinarju għal xahrejn fuq xulxin.

## **9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett**


Nehħhi l-pipetta mill-pakkett protettiv.




Filwaqt li żżomm il-pipetta wieqfa, agħfas it-tapp bis-saħħha biex ittaqqab is-siġill tal-applikatur, imbagħad neħħi t-tapp.



Ofroq il-pil fin-naħa t'isfel tal-ġħonq tal-annimal tiegħek quddiem l-ġħadmiet tal-isparel biex tikxef roqgħha żgħira tal-ġilda.



Applika l-ponta tal-pipetta direttament fuq il-ġilda mingħajr ma timmassaggja. Agħfas il-pipetta bis-saħħha biex tiżvojta l-kontenut f'roqgħha waħda. Evita li tmixx il-prodott mediċinali veterinarju b'subgħajk.



Tapplikax meta l-pil tal-annimal ikun imxarrab. Iżda jekk taħsel b'xampu jew tgħoddos l-annimal sagħtejn jew aktar wara l-kura, l-effikaċċa tal-prodott mediċinali veterinarju ma tkunx imnaqqsa.

## 10. Perjodi ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

## 11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidħirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30 °C. Ahżeen fil-pakkett oriġinali f'post xott.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-kaxxa u fuq it-tikketta wara Exp. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar..

## 12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew skart domestiku..

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent. Staqqi lill-kirurgu veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

### **13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

### **14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett**

EU/2/99/014/001-016.

Il-prodott mediċinali veterinarju jiġi f'pakketti ta' tliet pipetti (pipetti tad-daqsijiet kollha), ta' sitt pipetti (pipetti tad-daqsijiet kollha ħlief 15 mg selamekkin), jew ta' ħmistax-il pipetta (tubi ta' 15 mg selamekkin biss). Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qeqħdin fis-suq.

### **15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-Database tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

### **16. Dettalji ta' kuntatt**

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbi għall-ħruġ tal-lott u d-detalji ta' kuntatt biex jiġi rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

Zoetis Belgium  
Rue Laid Burniat 1  
1348 Louvain-La-Neuve  
Il-Belġju

**België/Belgique/Belgien**  
Tél/Tel: +32 (0) 800 99 189  
[pharmvig-belux@zoetis.com](mailto:pharmvig-belux@zoetis.com)

**Република България**  
Тел: +359 888 51 30 30  
[zoetisromania@zoetis.com](mailto:zoetisromania@zoetis.com)

**Česká republika**  
Tel: +420 257 101 111  
[infovet.cz@zoetis.com](mailto:infovet.cz@zoetis.com)

**Danmark**  
Tlf: +45 70 20 73 05  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**Deutschland**  
Tel: +49 30 2020 0049  
[tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com](mailto:tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com)

**Eesti**  
Tel: +370 610 05088  
[zoetis.estonia@zoetis.com](mailto:zoetis.estonia@zoetis.com)

**Ελλάδα**  
Τηλ: +30 210 6791900  
[infogr@zoetis.com](mailto:infogr@zoetis.com)

**Lietuva**  
Tel: +370 610 05088  
[zoetis.lithuania@zoetis.com](mailto:zoetis.lithuania@zoetis.com)

**Luxembourg/Luxemburg**  
Tél/Tel: +32 (2) 746 80 11  
[pharmvig-belux@zoetis.com](mailto:pharmvig-belux@zoetis.com)

**Magyarország**  
Tel.: +36 1 224 5200  
[hungary.info@zoetis.com](mailto:hungary.info@zoetis.com)

**Malta**  
Tel: +356 21 465 797  
[info@agrimedltd.com](mailto:info@agrimedltd.com)

**Nederland**  
Tel: +31 (0)10 714 0900  
[pharmvig-nl@zoetis.com](mailto:pharmvig-nl@zoetis.com)

**Norge**  
Tlf: +47 23 29 86 80  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**Österreich**  
Tel: +43 (0)1 2701100 100  
[tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com](mailto:tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com)

**España**  
Tel: +34 91 4191900  
[regulatory.spain@zoetis.com](mailto:regulatory.spain@zoetis.com)

**France**  
Tél: +33 (0)800 73 00 65  
[contacteznous@zoetis.com](mailto:contacteznous@zoetis.com)

**Hrvatska**  
Tel: +385 1 6441 462  
[pv.westernbalkans@zoetis.com](mailto:pv.westernbalkans@zoetis.com)

**Ireland**  
Tel: +353 (0) 1 256 9800  
[pvsupportireland@zoetis.com](mailto:pvsupportireland@zoetis.com)

**Ísland**  
Sími: +354 540 8000  
[icepharma@icepharma.is](mailto:icepharma@icepharma.is)

**Italia**  
Tel: +39 06 3366 8111  
[farmacovigilanza.italia@zoetis.com](mailto:farmacovigilanza.italia@zoetis.com)

**Κύπρος**  
Τηλ: +30 210 6791900  
[infogr@zoetis.com](mailto:infogr@zoetis.com)

**Latvija**  
Tel: +370 610 05088  
[zoetis.latvia@zoetis.com](mailto:zoetis.latvia@zoetis.com)

**Polska**  
Tel.: +48 22 2234800  
[pv.poland@zoetis.com](mailto:pv.poland@zoetis.com)

**Portugal**  
Tel: +351 21 042 72 00  
[zoetis.portugal@zoetis.com](mailto:zoetis.portugal@zoetis.com)

**România**  
Tel: +40785019479  
[zoetisromania@zoetis.com](mailto:zoetisromania@zoetis.com)

**Slovenija**  
Tel: +385 1 6441 462  
[pv.westernbalkans@zoetis.com](mailto:pv.westernbalkans@zoetis.com)

**Slovenská republika**  
Tel: +420 257 101 111  
[infovet.cz@zoetis.com](mailto:infovet.cz@zoetis.com)

**Suomi/Finland**  
Puh/Tel: +358 10 336 7000  
[laaketurva@zoetis.com](mailto:laaketurva@zoetis.com)

**Sverige**  
Tel: +46 (0) 76 760 0677  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**United Kingdom (Northern Ireland)**  
Tel: +353 (0) 1 256 9800  
[pvsupportireland@zoetis.com](mailto:pvsupportireland@zoetis.com)